*KOLLIZJONI – DIFIZA TA' 'TERZO IGNOTO'*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 t'April, 2001**

**Kawza Numru. 16**
**Citaz. Numru. 2070/95/RCP.**

**Joseph u Bridget konjugi Grixti**

**vs**

**Godfrey Gatt u b'digriet tal-24 ta' Jannar, 1997 gie kjamat in kawza Afifo Abdilla u b'digriet tal-24 ta' Jannar 1997, l-istess Afifo Abdilla gie estromess mill-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi fit-3 ta' April 1995, filwaqt illi l-imsemmija Bridget Grixti kienet qed issuq il-vettura Skoda numru L-2138, din il-vettura kienet involuta f'kollizzjoni mal-karozza Escort numru U-1115 misjuqa mill-konvenut Godfrey Gatt, gewwa l-Marsa.

Illi ghal din il-kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi huwa responsabbli l-istess konvenut.

Illi interpellat jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati, l-konvenut baqa' inadempjenti.

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-3 ta' April 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, previa bl-opera ta' periti u esperti nominandi fis-somma ta' Lm355.54c jew somma verjuri

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, in linea ta' danni, s-somma ta’ Lm355.54 jew somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Awissu 1995 u tal-ittra gudizzjarja tal-24 ta' Mejju 1995, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et sequitur* tal-process.

Rat id-dokumenit ezebiti ma l-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma jahtix ghad-danni kollha kagonati fil-vettura numru ta’ registrazzjoni L-2138.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 19 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 t'April 1996; tal-14 t'Ottubru 1996 u tal-24 ta' Jannar 1997.

Rat in-nota tal-attur li biha pprezenta l-affidavit ta' Bridget Grixti.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 t'April 1997; tat-13 t'Ottubru 1997; tas-6 ta' Frar 1998; tas-27 ta' April 1998; tal-10 ta' Gunju 1998; tat-30 t'Ottubru 1998; tal-5 ta' Marzu 1999 fejn xehed PS 1361 Raymond Busuttil; tat-12 ta' Novembru 1999 fejn xehed PS 1361 Raymond Busuttil; tal-5 ta' April 2000 fejn xehdet l-attrici. Dr Depasquale ddikjara li l-atturi m'ghandhomx provi aktar; tas-17 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti ghall-1 ta' Frar 2001; u tal-1 ta' Frar 2001 fejn xehed Godfrey Gatt. Dr Ivan Gatt iddikjara li m'ghandux provi aktar u ddikjara li sa dakinhar ma kienx jaf id-driver tat-tielet vettura. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Dr Gatt talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet/riferenza. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 21 jum ghall-prezentata tal-istess bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 21 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 t'April 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat li l-partijiet ma pprezentaw ebda nota ta' osservazzjonijiet.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza li tikkoncerna kollizjoni Ii grat fit-3 ta' April 1995 gewwa l-Marsa bejn il-vettura Skoda numru L-2138 misjuqa minn Bridget Grixti, u l-karozza Escort numru U-1115 misjuqa mill-konvenut Godfrey Gatt.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta illi m'hemm l-ebda skizz ta' l-incident in kwistjoni. Inoltre`, fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ammetta li hu habat mal-konvenuta u li kkawzalha xi hsara, pero` mhux il-hsara kollha reklamata peress li terza persuna habtet bis-sahha gol-vettura tieghu, u tefghetu fuq il-vettura ta' quddiemu u kkagonatilha hsarat konsiderevoli. Illi huwa dispost ihallas biss id-danni kkagunati minnu.

### (I) RESPONSABILITA` TAL-INCIDENT.

Illi fix-xhieda bl-affidavit taghha **Bridget Grixti** qalet li fit-3 t'April 1995, ghall-habta tal-4.15pm, hi kienet qed issuq il-vettura taghha Skoda L2138 gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa. Meta waslet ghaz-*zebra crossing* tal-Blata l-Bajda rat li kien hemm ragel ser jaqsam minnha u b'hekk hi waqqfet il-karozza sabiex

dan ir-ragel ikun jista' jaqsam. Kif dan ir-ragel kien qed jaqsam u kien quddiem il-karozza taghha, il-karozza Escort U-1115 tal-konvenut dahlet go fiha u resqitilha l-karozza taghha ftit 'il quddiem. Kif kienet hierga mill-karozza biex tara x'gara, karozza ohra baqghet diehla fil-karozza tal-konvenut.

Hi qalet li meta sehh it-tieni mpatt, il-karozza taghha kienet wieqfa u hi kienet bil-bieba taghha miftuha, b'saqajha mat-triq. Hi xehdet li hi certa u kategorika li meta saret it-tieni habta l-karozza taghha ma tmessitx; u li fil-karozza tal-konvenut ma tantx kien hemm hsara. Inoltre`, qalet li z-zewg xufiera tal-karozzi l-ohra bdew jitkellmu bejniethom u jgergru ghaliex kienu mghagglin. Hija qasmet it-triq lejn it-TeleMalta sabiexi iccempel lill-Pulizija, u meta kienet hierga s-*security guard* tat-TeleMalta qalilha li z-zewg xufiera l-ohra kienu telqu. Hi stenniet imbaghad lill-Pulizija. Meta xehdet *viva voce* hi kkonfermat l-iskeda ta' danni (Dok B), kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti u li d-danni huma dawk kollha li jirrizultaw minn dawn id-dokumenti (minn fol 10 sa fol 13).

Xehdu wkoll **PS 1361 Raymond Busuttil** l-ufficjal tal-Pulizija li kien investiga l-kollizjoni in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja tal-okkorrenza (Dok FGC1) kif ukoll kopja tar-*Road Accident Report* (Dok FGC2). Huwa qal illi sketch f'dan il-kaz ma kienx sar u dan peress li jew caqalqu l-karozzi w allura ma qablux dwar il-

posizzjoni li kienu fiha meta saret il-habta, jew inkella kienu lehqu telqu minn fuq il-post. In kontro-ezami huwa qal illi ma setghax ighid jekk il-hsara li nizzel fl-okkorrenza kienx raha jew inkellu kienu qalulu biha l-partijiet.

L-istess xhud f'seduta sussegwenti qal illi wara li haseb fuq il-kwistjoni tal-hsara li tnizzlet fl-okkorrenza huwa qal illi l-uzanza tieghu hi li hsara jkun nizzilha peress li jkun raha personalment. Kwindi, l-hsara li ssemmiet fl-okkorrenza kien raha dakinhar tal-incident – cioe` kwantu ghall-Skoda L-2138 din kellha hsarat fuq wara u n-naha tax-xellug; l-Escort kellha hsara fil-*bumper* ta' quddiem u l-fanal tal-*indicator* kien miksur. Il-partijiet kienu marru jkellmuh l-Ghassa tal-Hamrun u kien dak il-hin li kkonstata l-hsara fiz-zewg vetturi.

Il-konvenut **Godfrey Gatt** fl-affidavit tieghu bil-lingwa Ingliza qal illi fil-gurnata tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura Reg Nru U-1115 fil-Blata l-Bajda wara Skoda hamra Reg Nru L-2138 sejjer lejn il-Marsa. Meta l-iSkoda waslet fejn iz-*zebra crossing* waqfet (*without warning*) huwa ghafas il-*brake* u dar ftit lejn ix-xellug biex jipprova jevita li jahbat mal-karozza ta' quddiemu, pero` huwa laqat il-fanal ta' wara u kkaguna hsara zghira fil-bumper ta' wara. '*F'daqqa wahda karozza ohra tat-tip metalic gold Renault 21 laqtet il-karozza tieghi minn wara u tefaghni fuq il-karozza ta' quddiemi*.' Wara l-habta hargu kollha mill-

karozzi u sakemm il-konvenut kien qed jitkellem ma l-attrici biex icemplu lill-Pulizija, l-iehor telaq minghajr ma hadd minnhom kellu c-cans jehodlu n-numru tal-karozza. Meta ra dan il-konvenut iddecieda li jaghmel l-istess peress li haseb li kien ser jiehu l-htija hu biss. Aktar tard filghaxija cempillu s-Surgent 1361 mill-Ghassa tal-Hamrun li qallu biex imur sabiex jinhareg rapport. Huwa mar immedjatament u spjega l-fatti, u meta gie mistoqsi fuq it-terza persuna li habtet mieghu huwa qallu li ma kellux bizzejjed zmien sabiex jehodlu n-numru ta' registrazzjoni. Aktar tard gie nfurmat mis-Surgent li kellu jikkuntattja lill-Insurance Company.

**Godfrey Gatt** xehed *viva voce* fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2001 fejn ikkonferma l-affidavit tal-10 t'April 1995. In kontro-ezami kkonferma li hu habat mal-attrici. Inoltre` qal ukoll li kien hemm karozza ohra li tatu daqqa u kompliet timbuttah fiha. Hu qal li ghalkemm fil-bidu baqghu fil-post kif ra lil ta' warajh li qabad u telaq, il-konvenut induna li kien se jehel kollox huwa. Huwa qal illi n-numru tal-karozza tat-terza persuna kien hadu aktar tard meta kien rah peress li hu kien ha l-*make* tal-karozza u ma tantx hawn karozzi bhala. Huwa qal ukoll illi meta mar l-Ghassa jkellem lis-Surgent dan kien hareg jara l-karozza tieghu. Fuq domanda tal-Qorti qal illi l-hsara li l-attrici kellha mad-daqqa li taha kienet fuq il-panel ta' wara tan-naha tax-xellug.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut ma osservax fl-investiment tal-vettura minnu misjuqa l-para 56 tal-Highway Code li jipprovdi li:

"*Do not drive too close to the vehicle in front of you. Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency. Be specially careful on the road or on a steep hill*".

Illi l-konvenut sostna li l-attrici kif waslet fejn iz-*zebra crossing* waqfet *without warning*, apparti li dan ma giex pruvat, jigi rilevat ukoll li ladarba kien jaf li hemm *zebra crossing* huwa jmissu qaghad aktar attent. Kwindi minn dan kollu jidher car li l-konvenut ma kienx attent ghat-traffiku li kien hemm quddiemu u lanqas li jzomm id-distanza ragonevoli bejn il-karozza tieghu u dik ta' quddiemu.

Illi fis-sentenza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet: "**Middle Sea Insurance plc noe vs Jason Scerri**" - (Cit Nru 2655/99/RCP deciza fis-7 ta' Dicembru 2000) inghad illi "*s-sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm a proper look out imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Apparti minn speed, kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist … … Tali xufier ikun fil-grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament*". ("**Dottor Remigio Zammit Pace**

**noe vs Thomas Catania**" – P.A.F. – 26 ta' Novembru 1987).

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li dan huwa kaz ta' *res ipso loquitur*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' *prima facie* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. ("**John Formosa noe vs Joseph Zammit**" – FGC 30 t'April 1993).

Illi f'dan il-kaz il-konvenut ammetta li hu habat mal-attrici u li kkagunalha hsara, pero` gab ukoll l-argument li kien hemm terza persuna – li mhix parti fil-kawza odjerna – li dahlet fuqu u mbuttat il-karozza tieghu aktar fuq il-karozza tal-attrici b'konsegwenza li l-hsara kienet akbar. Illi dwar tali difiza, l-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia fis-sentenza "**Paul Scerri et pro et noe vs Tancred Cesareo**" – (27 ta' Jannar 1997, Vol LXXXI, Pt III, Pg 10 - ikkwota dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "**Camilleri vs Cutajar**" tad-9 ta' Dicembru 1968:

"*Huwa risaput li d-difiza tat-'terzo ignoto' mhi difiza xejn ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-trot ma tista' tigi addossata lil xi hadd li mhux fil-kawza*.

*Kieku stess jitqies ippruvat li kien hemm in-negligenza ta' terz injot … u kkonkorriet man-negligenza ta' l-*

*istess konvenut biex jigi kkawzat l-incident, il-konkluzjoni ma kelliex tkun illi fil-konfront ta' l-atturi, il-konvenut jitqies responsabbli f'parti biss. F'kaz bhal dan l-atturi ghandhom dritt isegwu d-danni kollha minghand il-konvenut salv talvolta lil dan id-dritt li jindenizza ruhu, jekk jista', minghand it-terz mhux maghruf, hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita` b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu, jekk kien hemm … …*

*Jekk il-konvenut ma setghax isejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, mhu ebda tort ta' l-atturi, u fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minhabba dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu riparazzjoni ghal telf soffert minnhom bla ebda htija taghhom …".*

Illi f'dan il-kaz m'hemm ebda dubju li l-kawza prossima u mmedjata tal-incident hu l-fatt li l-konvenut naqas li jzomm *a proper look-out* ghat-traffiku li kien hemm quddiemu. Kwindi l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni tat-3 t'April 1995.

## III. **LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**.

Illi d-danni reklamati huma fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin

centezmu (Lm355.54) li jikkonsistu f'danni sofferti fil-karozza tal-atturi, liema danni jinsabu ppruvati permezz tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici, u jikkonsistu f'xoghol ta' labour, *panel beating*, *spray*, prezz ta' spare parts sabiex jissewwew l-istess hsarat fil-vettura *de quo*, il-*Police Report* u l-VAT. Illi *di piu`* dan l-ammont ta' danni jidher li huwa ragonevoli u ghahekk din il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm355.54c).

## IV. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-3 ta' April 1995, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm355.54).

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' tlett mija u

hamsa u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm355.54).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-9 ta' Awissu 1995 u tal-ittra gudizzjarja tal-24 ta' Mejju 1995, u bl-imghax legali mit-12 ta' Frar 1996 li hi d-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**3 t'April 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 t'April 2001**